# SĦABA

Sħaba tittajjar ġo l-ikħal fuqani.
sabiħa bħalek m'hemmx,
lil qalbi, ħelwa, tħajjar
ħalli ttir, ħalli ttir.

Tiġri minn art għal oħra, fuq il-bħura,
tara sabiħ u tajjeb:
u hekk titgħallem, tissebbaħ, w issir twajba.
Tara l-baħar jitqalleb u jidbaħrad
f'żogħżitu qatt mitfija,
mimli b'elf ħajja ġdida,
dejjem inaddaf, jagħmel qalb lill-art;
iż-żara jmewweġ fuq għoljiet, fuq wileġ;
is-siġar b'xuxa kbira,
li kienet ward, w issa dlonk tbiddlet f'weraq,
mnejn titla l-bilbla biex ġo fik tistaħba,
nikta ta' ferħ bil-ġisem,
u tgħanni għanja żgħira,
għax qalbha ma tiflaħx għal hena hekk kbira.
Tgħaddi minn fuq il-bliet:
u tisma' l-karba ta' bnedmin għajjena,
ta' bnedmin hemm maħqura,
li tgħaddi minn ġo fik u titla' għand Alla;
tisma' l-għajjat ta' nies
mitfugħa fit-taqbida
iħammru l-art bid-demm — u tidħaq bihom.
Minn ġo fik igħaddu l-anġli tal-Ħallieq,
igħannu għana tas-sema,
b'libsa bajda li tiddi aktar mix-xemx,
b'rashom bil-ward imdawra,
inizżlu ferħ lit-tajba,
għalkemm fid-dinja ma jarawx ħlief dieq.
Tgħallimt, tgħallimt, ja sħaba;
w'issa waqaft għal ftit fis-sema tagħna;
tqassamt f'għoljet, fir-rdajjem,
f'wileġ u f'għelieqi,
fi swar mnejn toħroġ il-berqa damdamija;
bi lwien issebbaħt kollok,
bi lwien li jisbqu l-ward,
isbaħ minn dawk li turi l-art rebbiegħa;
nizżilt ukoll xi trombi
biex aktar turi saħtek,
u frixt qawsalla bnina
li tgħaqqad l-art mas-sema,
u tgħid lil-bniedem ill'hemm l-hena fl-għoli;

raxxaxt ukoll xi qatra
ħa tqawwi l-qalb tax-xitla,
w'ir-ruħ taħsel mid-dnub.

Sħaba li mdendla ġo l-ikħal fuqani,
naħlef li bħalek m'hemmx!
Q'ed naħsbek xi poeta,
għax bħalek hu biss għaref,
jaf jara ġmiel u tjieba,
w'imbagħad jifrixhom, jagħmel ħaġa waħda,
xħin l-għanja jħoll ħa tisma l-art u s-sema!

Sħaba tiġġerra ġo l-beraħ fuqani,
sabiħa bħalek m'hemmx,
inti lil qalbi tħajjar,
ħalli ttir, ħalli ttir—
il-fuq, il-fuq mid-dinja,
mill-għagħa, mit-taqdir,
u hemm fuq ġo fik ninħeba,
u hemm fuq flimkien insiefru,
naraw sabiħ u tajjeb
fis-safra ta' bla tmiem!

A. Buttigieg